KUNSILL LOKALI

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64/2017

**16 ta' Frar, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-7:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Viċi Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

### SKUZATI:

Noyah Spiteri – Kunsilliera

## Minuti

Is-Sindku Alison Zerafa Civelli ppresjediet. Qabel giet trattata l-agenda f'isem il-Kunsill Lokali is-Sa. Zerafa Civelli tat merhba lis-Segretarju Ezekuttiv gdid tal-Kunsill Lokali

### 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

64.1.1 Is-Sindku qrat ittra mibghuta mis-Sa. Noyah Spiteri li kienet talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghha. Kien hemm qbil unanimu illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri kellu jigi meqjus bhala gustifikat

### 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

64.2.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 63 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant ittiehdu bhala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

Is-Sindku ressqet mozzjoni sabiex tinbidel l-ordni tal-laqgha skont artiklu 6(a) ta' skeda 6 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali bil-ghan illi jigu diskussi l-financial statements ghas-sena 2016. Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

### 64.5 Financial Statements 2016

64.5.1 Is-Sindku stiednet lis-Sur Kevin Farrugia, sabiex jispjega fid-dettall id-dokument li kien gie ppreparat (DOK A). Is-Sur Farrugia ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-financial statements ghas-sena 2016. Filwaqt li kkwota l-figuri pprezentati, is-Sur Farrugia sahaq kif is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali kienet tajba hafna.

64.5.2 Wara li s-Sur Farrugia wiegeb domandi li sarulu mill-Kunsilliera, fuq proposta tas-Sur Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu approva d-dokument hekk kif propost.

### 64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

64.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha plenarja li kienet qieghda tigi kkordinata mill-assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u talbet lill-Kunsilliera prezenti jaghmlu kuntatt mal-amministrazzjoni bil-ghan illi jigi stabbilit min kien ser jattendi f'isem il-Kunsill Lokali.

## 64.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

64.4.1 Ma kienx hemm

## 64.6 Pagamenti Jannar 2017

64.6.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru1/17) ghall-approvazzjoni.

64.6.2 Fuq proposta tas-Sur Ivan Agius ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

64.6.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Jannar 2017 ghall-approvazzjoni.

64.6.4 Fuq proposta tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK C).

## 64.7 Estimi Finanzjarji 2017

64.7.1 Is-Sindku stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega fid-dettal l-estimi finanzjarji ghas-sena 2017.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif wara li kienu gew abbozzati u diskussi fil-laqgha annwali tal-lokalita', kien jinhtieg li l-estimi finanzjarji ghas-sena 2017 jigu diskussi u approvati mill-Kunsill Lokali. Huwa ghadda imbaghad sabiex jipjega fid-dettall l-abbozz ta' dokument li kienet ipprezentat is-Sindku.

64.7.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega l-estimi finanzjarji ghall-2017 u wiegeb mistoqsijiet li kien hemm mill-Kunsilliera dwar l-istess rapport, fuq proposta tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu approva l-estimi finanzjarji ghas-sena 2017 (DOK D)

## 64.8 Tender KLB 01/2017 – Knis ta' Toroq

64.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' RACS Ltd ghall-gbir ta' skart goff (kuntratt numru KLBO03/2013) kien wasal biex jiskadi u kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar jekk l-istess kuntratt ghandux jigi estiz b'sena hekk kif legalment permessibbli.

64.8.2 Wara disksusjoni libera, fuq proposta tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellha tigi applikata estensjoni tal-kuntratt.

64.8.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jigu maghzula l-individwi li kienu ser ikunu qieghdin jifthu l-offerti u jevalwaw sejha ghall-offerti ghall-knis ta' toroq li kienet ser tigi ppublikata nhar il-Gimgha 17 ta' Frar 2017.

64.8.3 Wara diskussjoni libera gie deciz illi s-Sinjuri Brian Loffreda u Ramona Falzon Gatt kellhom jinhatru bhala *opening staff* filwaqt li s-Sinjuri Pablo Cachia Belli u Byron Camilleri kellhom jinhatru bhala evalwaturi bis-Sa. Alison Zerafa Civelli tkopri r-rwol ta' ESR.

64.8.5 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi s-servizz tal-knis kien qieghed isir b'mod temporanju mill-kuntrattur li ma kienx iggeddidlu l-kuntratt, is-Sur James Cauchi staqsa lill-Kunsill Lokali jekk setax ikun hemm riperkussjonijiet legali dwar il-materja. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi minn informazzjoni li kellu l-kuntrattur ma kienx gie infurmat illi s-sejha ghall-offerti ma kenitx giet estiza u l-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem b'*direct order*. Is-Sur James Cauchi filwaqt li rrimarka illi l-fatt li l-kuntrattur ma kienx gie infurmat bl-estensjoni kien nuqqas amministrattiv staqsa x'seta jsehh sabiex il-Kunsill Lokali ikun legalment kopert. Is-Sur Hall filwaqt li nforma lill-Kunsill Lokali illi hekk kif sar jaf bl-akkadut talab laqgha mal-kuntrattur sabiex jinfurmah bid-decizjoni tal-Kunsill Lokali, qal illi huwa kien tal-parir illi d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jigi nfurmat bis-sitwazzjoni u tintalab koncessjoni sabiex ix-xoghol isir b'mod temporanju minn Waste Collection Ltd. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv

## 64.9 Post vakanti tal-Kunsillier elett Raymond Balzan

64.9.1 Is-Sindku qrat ittra li kien ircieva l-Kunsill Lokali minghand is-Sur Raymond Balzan, kunsillier elett. Permezz tal-ittra is-Sur Balzan nnotifika r-rizenja tieghu bhala Kunsillier elett. Sussegwentement, u wara li r-rizenja tas-Sur Balzan intbaghtet lill-Ufficcju Elettorali, nhar il-25 ta' Jannar 2017, Il-Kunsill Lokali kien ircieva ittra minghand l-istess Kummissjoni Elettorali dwar il-materja.
Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda zzomm lill-Kunsill Lokali aggornat b'eventwali zviluppi dwar il-materja.

## 64.10 Rapporti

63.10.1 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' rapport li kien thejja b'konnessjoni ma' tabelli fit-toroq.Wara li s-Sa. Zerafa Civelli spjegat kif kien thejja pjan sabiex issir manutenzjoni fuq it-tabelli kollha tal-lokalita' fil-perjodu ta' sena u gie evalwat ir-rapport imsemmi (DOK E) kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi x-xoghol propost fir-rapport kellu jigi implimentat.

## 64.11 Mozzjonijiet

64.11.1 Mozzjoni Nru 02-2017 (VII)

*Minhabba problemi ta' abbuz ta' rimi ta' skart fi Triq Hanover, Triq l-Ajkal u Triq Rikkardu Taylor kif indikat fil-pjanta hawn taht, qed nipproponi li l-Kunsill jikkunsidra li jisntalla sistema ta' CCTV biex din iz-zona wkoll tkun issorveljata u jigu eliminati dawn l-abbuzi*

Proponent: Alison Zerafa Civelli
Sekondant: Ivan Agius
Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni (DOK F) wara votazzjoni .

## 64.12 Korrispondenza

64.12.1 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Jannar 20127 Grace Mifsud minn CSAF Malta talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jzid id-dawl fi Triq il-Gublew tal-Fidda u jinstalla *CCTV cameras*.
Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kemm il-darba ikun possibbli it-talba kellha tigi milqugha.

64.12.2 Ittra datata 30 ta' Jannar 2017 li permezz taghha il-Kunsill Lokali gie mistieden jikkollabora f'Family Day Event li kien qieghed jigi propost li jittella' minn Appogg Cottonera Community Centre.
Kien hemm qbil illi kellhom jingabru l-istimi tal-ispejjez li kellu jirrikorri l-Kunsill Lokali kemm il-darba jikkollabora bil-ghan illi tkun tista' tigi evalwata ahjar il-proposta'.

64.12.3 E-mail datat 6 ta' Frar 2017 li permezz tieghu is-Sa. Borg Marie Jeanne f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsilli Lokali b'cirkulari numru 6/2017 li kienet tikkoncera allowance lill-Kunsilliera.
Is-Sindku spjegat lill-Kunsill Lokali l-kontenut tac-cirkulari.

64.12.4 Permezz ta' ittra datata 14 ta' Frar 2017, il-Kunsill Lokali informa lis-Sur Demis Darmanin illi kienet qieghda tinghata koncessjoni sa tmiem Frar 2017 sabiex l-istess sur Darmanin ihallas l-ammont ta' Ewro 1700 dovuti lill-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' kontijiet ta' dawl u ilma.

64.12.5 E-mail datat 17 ta' Jannar 2017 li permezz taghha il-Kunsill Lokali gie mitlub jevalwa l-possibilita' illi triq f'Bormla tissemma' ghas-sur Charles Clews.
Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera illi minhabba l-fatt illi l-Kunsill Lokali kellu numru ta' proposti t-talba ma setghetx tigi milqugha.

64.12.6 Permezz ta’ e-mail data 13 ta’ Frar 2017 is-Sur Rune Bo Jackson talab lill-Kunsill Lokali awtorizzazzjoni sabiex jidhol fi Triq San Mikiel b’vetturi kummercjali bil-ghan illi jaghmel xogholijiet relatati ma’ permess numru PA/03893/15.
Kien hemm qbil illi filwaqt li ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghat-talba, IS-Sur Jackson kellu jigi miltub jipprovdi garanzija finanzjarja li eventwalment tigi rilaxxjata wara li jigi stabbilit illi waqt ix-xogholijiet ma tkunx saret hsara.

64.12.7 Ittra datata 6 ta’ Frar 2017 li permezz taghha il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol talab lill-Kunsill Lokali jinnomina persuna ghall-kariga ta’ president tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera illi n-nominata mill-Kunsill Lokali kellha tkun is-Sa. Rosina Gialanze’ detentrici tal-karta tal-identita’ numru 381256(M).

64.12.8 Permezz ta’ e-mail datat 14 ta’ Frar 2017 is-Sur Christopher Camilleri talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possbilita’ illi jinhareg permess sabiex zewg dragon boats jigu mahzuna biswit il-klabb tar-regatta.
Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera illi t-talba tas-Sur Camilleri ma kelliex tigi miqlugha.

64.12.9 Stima minghand 4 Sight Printing ghal flokkijiet ghall-haddiema assenjati ghall-prezz ta’ Ewro 15 (VAT eskluz) ghal kull flokk.
Wara li s-Sindku spjegat illi kien hemm il-hsieb illi ssir uniformi ghall-haddiema assenjati il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jidhol ghall-ispiza ta’ xiri ta’ flokkijiet

64.12.10 Permezz ta’ ittra datata 7 ta’ Frar 2017, is-Sa. Ramona Falzon Gatt talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi tibda’ taghmel uzu mill-facilita’ ta teleworking. Wara li gew diskussi d-dettalji tat-talba u fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sa. Falzon Gatt.

**64.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

64.13.01 Il-laqgħa intemmet fid-9:15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 16 ta’ Marzu, 2017 fis-6.30pm.

Konfermati, illum 16 ta’ Marzu, 2017

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |